MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 11/2003

**Patrick Refalo**

**vs**

**Stephen sive Steve u Jaqueline konjugi Magri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-attur baqaghlu jiehu bilanc ta' elf u tnax-il lira (Lm1,012) dovuti lilu ta' xoghol ta' installazzjoni ta' dawl u ilma u fornitura ta' materjal, liema appalt sar fuq inkarigu tal-konvenuti u gie esegwit fil-fond bla numru pero' bl-isem "Il-Palma", Sdieri Street, Gharb, Ghawdex.

Peress illi l-istess konvenuti ghalkemm dejjem ippromettew li sejrin ihallsu l-bilanc minnhom dovut, dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex m’ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-attur il-bilanc ta’ elf u tnax-il lira (Lm1,012) ghar-raguni hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni.  Bl-imghaxijiet mid-data ta’ meta tlesta x-xoghol sal-hlas effettiv.”

Billi t-Tribunal hu marbut b’Artiklu 7(2) Kap 380 li jissospendi l-proceduri quddiemu jekk ikun hemm pendenti quddiem Qorti kompetenti kawza li l-ezitu taghha jeffettwa t-talba quddiemu u billi l-konvenut issa istitwixxa kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati rigward ix-xoghol mertu ta’ din il-kawza, Avviz Nru. 31/2004, liema xoghol qieghed jallega li sar hazin;

It-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u jiddifferixxi l-kawza *sine die* riappuntabbli fuq talba ta’ kull wahda mill-partijiet wara li l-kawza pendenti quddiem il-Qorti msemmija tghaddi f’gudikat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------